MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Numru. 896/2011

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant)
vs
Gerald Manfre', iben Alexander, imwieled Pieta' fis-16 ta' Diċembru, 1970, karta ta' l-identita numru 01871(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta' Awwissu, 2011 għal ħabta tan-nofs siegħa nieqsin ħamsa ta' fil-għodu (0025) ġewwa Triq Luigi Apap, San Ġiljan:
1. volontarjament għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBF 975, ta' l-għamla Hyundai, għad-dannu ta' Josephine Manfre' mill-Imsida jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69;

2. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Josephine Manfre' biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kkontra l-proprjeta' tagħha;
3. inġurja bil-kliem lil Josephine Manfre' mill-Imsida;
4. volontarjament kiser il-bon ordni u il-ħaċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat Gerald Manfre' bħala reċidiv.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Josephine Manfre' kif jidrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmat li d-danni li għamel l-imputat huma tal-valur ta' €700.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lil martu Josephine Manfre'.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 251B(1), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat li ma jimmolestax lil martu Josephine Manfre' għal żmien sena taħt penali ta' elfejn euro (€2,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------